MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2008

Talba Numru. 584/2008

**Allied Newspapers Limited (C-308)**

**Vs**

**EBN (EBIZ Network Solutions) Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-5 ta’ Awissu 2008, fejn intalab li s-socjeta` konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ hames mija u tmintax-il Euro u hames centezmi (€518.05) ghar-ragunijiet imsemmija fl-Avviz imsemmi, bl-ispejjez u bl-imghax legali.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta` attrici sabiex is-socjeta` konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u

b’hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);
Billi ghalkemm notifikata regolarment, is-socjeta` konvenuta naqset u ma dehritx la fis-seduta tal-21 ta’ Novembru 2008, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta’ Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta’ hames mija u tmintax-il Euro u hames centezmi (€518.05), bl-imghax legali kif mitlub fl-Avviz u bl-ispejjez ta’ dina l-istanza u dawk mitluba li ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------